

Brussell, 27 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7430/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0423 (COD)

CODEC 474
CLIMA 148
ENV 251
TRANS 162
MI 262

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-kreditu tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2025 sal-2029 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Marzu 2026².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat³.

¹ 16977/25 + ADD 1.

² Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

³ Il-Kumitat tar-Reġjuni ma tax opinjoni qabel l-iskadenza li ġiet stabbilita mill-Parlament Ewropew qabel il-vot dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

4. Fit-12 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 12/26 + COR 1, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 7209/26.